MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANTHONY ELLUL

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2014

Citazzjoni Numru. 792/2009

**Buccaneer Boats Limited**

**Vs**

**Andrew Briffa**

Fir-rikors guramentat l-attrici ppremettiet u talbet:

*1. Illi s-socjeta' rikorrenti giet inkarigata mill-intimat biex taghmel diversi xogholijiet fuq id-dghajsa tal-marka Buccaneer 272 proprjeta' ta' l-intimat;*

*2. U billi x-xoghol li gie inkarigat jaghmel ir-rikorrenti ma kien kopert bl-ebda quotation peress li fost affarijiet ohra kien jinvolvi xoghol fuq forma ta' l-accessorji tad-dghajsa u tibdil minn xoghol li kien gja sar minn terzi jew l-intimat;*

*3. U billi l-intimat kien ikkonferma l-inkarigu lit a lir-rikorrenti, wara li r-rikorrenti kien gibed l-attenzjoni (u dana kemm-il darba) ta' l-intimat li dan ix-xoghol jinkludi hafna sieghat ghal liema ma setghax jinghata quotation, u filfatt ir-rikorrenti qatt ma gie mitlub jaghti xi indikazzjoni ta' l-ispejjez li ser ikunu involuti;*

*4. U billi x-xogholijiet saru a sodisfazzjon ta' l-istess intimat tant li tul ix-xogholijiet l-intimat ghamel diversi hlasijiet akkont ta' dak dovut; u accetta l-konsenja tad-dghajsa flimkien ma' kont finali tax-xogholijiet;*

*5. U billi l-intimat qatt ma kkontesta l-kont tax-xogholijiet hawn anness u esebit bhala dokument "A", tant li anke hallas xi ammont akkont ta' dak minnu dovut, u oghgbu jikkontesta l-kont madwar sena wara li rcieva d-dghajsa;*

*6. U billi l-bilanc dovut sallum jammonta ghal* ***tnax-il elf tlett mija sebgha u erbghin Euro u sitta u tmenin centezmu (€ 12,347.86)*** *skond l-istatement hawn anness u esebit bhala dokument "B";*

*7. U billi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.*

Għaldaqstant, is-socjeta' attrici titlob għar-raġunijiet premessi, lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

*1. Tikkundanna l-intimat ihallas lill-atturi l-ammont ta'* ***tnax-il elf tlett mija sebgha u erbghin Euro u sitta u tmenin centezmu (€12,347.86)*** *bl-imghax skond il-ligi sad-data tal-hlas effettiv;*

*Bl-ispejjez.*

Il-konvenut wiegeb:-

*1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fil-ligi u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu;*
*2. Illi l-ammont pretiz mhuwiex dovut billi l-eccipjenti diga' hallas l-ammont kollu miftiehem;*
*3. Illi f'kull kaz u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit l-ammont pretiz huwa eccessiv;*
*4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.*

**Kwistjoni**.

L-attrici tippretendi minghand il-konvenut hlas ta' €12,347.86 ghal xoghol li sar fuq dghajsa tal-marka Buccaneer 272, proprjeta' tal-konvenut.

Il-konvenut ma jaqbilx in kwantu jsostni li hallas l-ammont miftiehem u f'kull kaz il-hlas mitlub hu ezagerat.

Il-kontendenti m'humiex jaqblu dwar:

i. Ix-xoghol li l-attrici ghamlet fuq id-dghajsa. Carmel Cassar, direttur tal-attriciipprezenta prospett tax-xogholijiet li qal li sar, filwaqt li l-konvenut ta l-kummenti tieghu (fol. 119).
ii. Il-prezz tax-xoghol. Filwaqt li l-attrici ssostni li ftehemu li l-hlas ikun bis-siegha, il-konvenut isostni li l-prezzijiet kienu gew pattwiti minn qabel.
iii. Il-hlasijiet li saru s'issa mill-konvenut.

**Hatra ta' Perit Tekniku**.

Fis-seduta tal-14 ta' Mejju 2012 gie verbalizzat:

*Hemm qbil li jinhatar perit tekniku sabiex jaghti l-opinjoni tieghu dwar is-segwenti:-*

*1. Jekk ir-rata ta' Eur 15.48 fis-siegha (mhux inkluz VAT) hijiex rata ragonevoli ghat-tip ta' xoghol li sar fuq id-daghjsa tal-konvenut. Jekk mhijiex jghid x'inhi l-opinjoni tieghu dwar rata*

*fis-siegha li tkun ragonevoli.*

*2. Jaghti l-opinjoni dwar jekk ix-xoghol li Carmel Cassar qed jghid li sar fuq id-daghjsa jiehux bejn wiehed u iehor 783 sieghat, jekk ma jaqbilx ghandu jaghti l-opinjoni tieghu dwar kemm kellu jiehu tali xoghol.*

*3. Jaghti l-opinjoni tieghu dwar kemm jiehu bhala hin ix-xoghol li l-konvenut qed jaccetta li sar mill-attrici.*

Ghal dik li prova peritali, il-Qorti tal-Appell (**Geswalda Caruana vs Francis Xerri**, 30 ta' Mejju 2014) osservat:

*"…. l-insenjament gurisprudenzjali huwa fis-sens li, ghalkemm ir-rapport tekniku huwa kontrollabbli mill-gudikant bhal kull prova ohra u l-Qorti m'hijiex tenuta li taccetta l-konkluzjonijiet peritali kontra l-konvinzjoni taghha, il-giudizio dell'arte kif espress mill-perit tekniku m'ghandux jigi skartat sakemm ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollu tac-cirkostanzi rragonevoli. Il-Qorti m'ghandhiex tiskarta l-konkluzjonijiet tal-espert, specjalment fuq materja purament teknika, b'mod legger jew kapriccuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha ghandha tkun 'informata u bbazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika' [App.C.* ***Giswarda Bugeja vs Emanuele Muscat*** *[1967] Vol. LI.I.390; u App. C.* ***Philip Grima vs Carmelo Mamo*** *– 29 Mejju 1998]".*

**Konsiderazzjonijiet**.

1. Jirrizulta li l-attrici kienet tat stima lill-konvenut ghal xogholijiet fuq id-dghajsa li l-konvenut xtara minghand terzi (fol. 31). Stima datata 8 ta' Jannar 2007. L-istima kienet ghal xoghol ta':

   a) Stainless Steel railings;
   b) Xoghol ta' injam;
   c) Windscreen;
   d) Xoghol ta' fiberglass;
   e) Elettriku, ilma, tapizzerija u xoghol iehor.

   Il-konvenut iddecieda li ma jilqax l-offerta tal-attrici, u sar xoghol minnu bl-ghajnuna ta' hbieb. Sussegwentement il-konvenut inkariga lill-konvenut jaghmel xogholijiet ta' *finishing* u xoghol iehor.

2. Filwaqt li Carmel Cassar xehed li l-konvenut kien qallu li ser ihallas il-kont, il-konvenut ta verzjoni differenti, fis-sens li mill-bidunett kien qal lil Cassar li l-hlas li talbu kien ezagerat. Fin-nota ta' sottomissjonijiet l-attrici ma argumentatx li kellu jigi determinat jekk il-konvenut kienx accetta l-kont, u li l-ilment tal-konvenut kien inqala' zmien wara. Tant hu hekk li fin-nota qalet:

   *"Il-pern tal-kawza odjerna ddur madwar l-allegazzjoni ta' l-intimat li l-kont ma jirriflettix ix-xoghol li verament sar mis-socjeta attrici"* (fol. 255).

3. Fl-ewwel lok il-qorti ser tiddetermina liema hu x-xoghol li sar mill-attrici.

   M'hemmx kontestazzjoni li l-attrici ghamlet:-

   i. Bieba sliding ghad-dahla tal-kabina. Ma jidhirx li din kienet inkluza fl-ewwel stima (item 2 fil-prospett tal-attrici). Il-perit tekniku ta stima ta' 40 siegha sabiex sar dan ix-xoghol.
   ii. Fetha fil-poppa tad-dghajsa biex fiha jitpogga bieb (item 4 fil-prospett tal-attrici), li skond il-perit tekniku hadet 32 siegha biex saret.
   iii. Tqeghid ta' windscreen (item 5 fil-prospett tal-attrici), ghalkemm il-konvenut isostni li kellu jsir xoghol zejjed ghaliex inizjalment ma sarx kif riedu hu. F'dan ir-rigward hemm verzjonijiet konfliggenti in kwantu Cassar qal: *"Meta lestejna l-windscreen, Andrew deherlu li kellu jghollih xi hames pulzieri minn quddiem. Ghalhekk fuq talba ta' Andrew kellna naghmlu l-kontraforma, forma, u fiberglass windscreen base sabiex il-windscreen joghla"* (fol. 19). 'Il fatt jibqa' li x-xoghol sar u ghalhekk l-attrici ghandha tithallas. Il-konvenut ma ta l-ebda eccezzjoni li sar xi xoghol mhux kif ordnat. F'kull kaz a bazi tal-provi li tressqu l-qorti m'hijiex f'posizzjoni li tikkonkludi li dak ix-xoghol kellu jsir minhabba li ma kienx sar skond l-istruzzjonijiet li ta l-konvenut. Il-perit tekniku ta stima ta' 48 siegha ghal dan ix-xoghol.
   iv. *Bathing platform* (item 6 fil-prospett tal-attrici). Il-perit tekniku ta' stima ta' 32 siegha biex saret.

Total ta' **mija u tnejn u hamsin (152) siegha.**

Ghal dak li jikkoncerna xoghol li hemm kontestazzjoni dwar jekk sarx mill-attrici, il-qorti tosserva:

i. Tibdil tal-***floorboard*** fejn joqghod il-kaptan. Fir-ritratti li ha l-perit tekniku waqt l-access, tidher il-*floorboard* (fol. 149). Il-perit irrelata:

   *"…. the actual shape is simple with straight edges and flat surfaces, the construction of a plug, mold and final product would not have been*

*complicated. Simplicity of form and dimensions may even have allowed the structure to be molded in one whole piece and then fitted and stitched in place onto the deck.*

*Estimated time required: 20 man hours"*.

Min-naha tieghu l-konvenut qal li saru biss modifiki. Meqjus id-dizinn semplici li jidher li ghandha l-*floorboard* (ara ritratti fir-rapport tal-perit tekniku), il-qorti ma tistax tiskarta din il-verzjoni. Il-perit tekniku rrelata li l-verzjoni tal-konvenut tfisser 16 il-siegha xoghol (fol. 208).

Mill-provi rrizulta li fis-sajf 2008 id-dghajsa kienet qeghda tintuza, cjoe' qabel l-attrici bdiet taghmel xogholijiet fuqha. *Floorboard* bilfors li kien hemm. L-oneru tal-prova kien fuq l-attrici biex turi li l-floorboard ezistenti kienet inbidlet kompletament. In vista tal-istat ta' incertezza l-qorti tikkonkludi li sar 16 il-siegha xoghol[1].

ii. Dwar il-**console**, hemm qbil li l-attrici ghamlet wiehed gdid (ara ritratti fol. 153). Madankollu l-konvenut isostni li fejn hemm il-gerijiet hu l-istess li kien hemm qabel, kif ukoll li t-toqob saru minnu u l-arloggi u accessorji twahhlu minnu.

Il-perit tekniku rrelata (fol. 154):

*"This would have involved very substantial planning and execution particularly for the creation of the plug. The base for the engine throttles would probably have been constructed separately from the main console structure and then added on. Then, once the exact shapes, dimensions and position of the equipment which was going to be mounted on the console (steering wheel, engines RPM counters, speed log, search light control, bilge pump switch, whistle, anchor, lights panel, satnav, VHF and compass holding brackets and wiring connections) was determined, drilling of the holes would have been a relatively easy task.*

*Estimated time required: 48 man hours"*.

Skond il-verzjoni tal-konvenut, il-perit tekniku qal li s-sighat ta' xoghol huma ta' 40 siegha (fol. 209).

---

[1] Peress li l-qorti m'hijiex konvinta li l-attrici tat prova sodisfacenti li saret floorboard kompletament gdida, ma tistax tikkunsidra dak li qal il-perit tekniku in eskussjoni (ara twegiba ghal domanda 4.5, a fol. 245).

Il-qorti hi tal-fehma li l-verzjoni ta' Cassar hi iktar verosimili gialadarba s-shape ta' dik il-parti tal-console fejn tpoggew l-engine throttles ma jidhirx identiku ghal dak li jidher fir-ritratt li pprezenta l-konvenut a fol. 93[2]. Il-qorti qeghda hawn tirreferi ghal parti ta' fuq fejn hemm l-engine throttle.
Fic-cirkostanzi l-qorti ser taddotta stima ta' 48 siegha xoghol.

iii. Alterazzjoni ta' sufan, tqeghid ta' kcina, xkaffar fuq sodda ta' quddiem u bini ta' aft cabin, floorboard u ghamara. Twahhil ta' bibien kollha. Il-perit tekniku ta stima ta' 36 siegha xoghol.

Il-konvenut qal li *"Is-sufan tal-kabina ma ntmessx. L-aft cabin kellha l-floorboard lest. Charlie Cassar pogga biss bicca plywood biex iddritta l-genb u mill-ispazju li ghalaq hareg cupboard"*. Il-perit tekniku qal li skond din il-verzjoni sar xoghol ta' 22 siegha.

Billi hemm divergenza fuq ix-xoghol li sar, il-qorti m'hijiex f'posizzjoni li tasal ghal xi konkluzjoni mehud in konsiderazzjoni li l-konvenut ressaq xhieda li qalu li fid-dghajsa ghamlu xoghol ta' injam. Gialadarba l-oneru tal-prova kien fuq l-attrici, il-qorti ser taddota 22 siegha xoghol.

iv. L-attrici qalet li ghamlet qtugh ta' brazzoli sabiex tpoggew tankijiet tal-petrol u ppreparat il-bazi fejn jitpoggew il-batteriji u bniet il-parjol. Xoghol li skond il-perit tekniku jiehu 24 siegha. Min-naha l-ohra l-konvenut qal: *"Mill-brazzoli qata' sitt pulzieri biex dahhal it-tank tal-petrol. Il-parjol (l-art tad-dghajsa) ma bniehex hu, semplicement gholliha"* (fol. 119). Il-perit tekniku qal:

*"There seems to be no dispute as to work carried out to crop the transom brackets to accommodate the petrol tanks, nor in the preparation of the shelving for batteries. It is here claimed that the floorboard was merely raised. Accordingly less work would have been involved, however, the raising of the floorboard itself would have necessitated preparatory foundation work inside the underlying bilge (exposed inner bottom of the boat) space of the boat*

*Estimated time required: 20 man hours"* (fol. 210).

Fuq bazi ta' probabilita' l-qorti taccetta li fl-art kienet saret biss alterazzjoni, gialadarba xoghol mill-konvenut u shabu kien diga' sar u d-dghajsa kienet tnizzlet il-bahar u ntuzat qabel sar ix-xoghol mill-attrici.

v. L-attrici qalet ukoll li x-xoghol jinkludi: *"Il-parjol, l-armijiet, ic-can u kull fejn kien accessibbli gie s-sanding u mizbugh bit-topcoat"*. Il-perit tekniku qal li dan ix-xoghol, jekk sar kien ifisser 32 siegha xoghol. Min-

[2] Ritratt li juri l-console qabel sar ix-xoghol mill-attrici.

naha tieghu l-konvenut qal li kull ma sar kien li: *"Il-parti t'isfel ghada sal-lum mhix mizbugha. Hemm mizbugh biss il-cupboard minn gewwa"*. Il-perit tekniku ta stima ta' saghtejn ghal dan ix-xoghol. In eskussjoni l-perit tekniku qal: *"Ghalkemm jiena ma vverifikajtx liema partijiet gew mizbugha jew le, u ma niftakarx dettall, **il-partijiet interni tad-dghajsa li jidhru fir-ritratti li jiena dahhalt fir-rapport jindikaw li d-dghajsa kienet mizbugha minn gewwa**. Ma nistax nikkummenta jekk kenitx issandjata jew le qabel iz-zebgha"* (fol. 248). Meqjus din l-osservazzjoni li tikkontradici l-verzjoni tal-konvenut li l-parti nterna ghadha m'hijex mizbugha, il-qorti tqies li l-verzjoni tal-attrici hi iktar kredibbli. Ghalhekk ghal dan ix-xoghol ser taddotta l-istima ta' 32 siegha xoghol.

vi. *Ducting* ghas-sistema tal-elettriku. Fil-kont tal-attrici (fol. 21) m'hemm l-ebda indikazzjoni li sar xi xoghol fuq is-sistema tal-elettriku. Dan apparti li l-konvenut ressaq bhala xhud lil Zammit li kkonferma li kien hu li ghamel ix-xoghol relatat mal-elettriku. Ghalhekk il-qorti ma tifhimx kif l-attrici nkludietu fil-prospett li pprezentat (fol. 19)[3].

vii. Dwar *stainless steel railing* il-perit tekniku ddeskriva x-xoghol li sar u ta stima ta' 128 siegha xoghol[4]. Il-konvenut qal: *"Biex sar kif riedu l-esponent, intuza anqas materjal ghar-railing"* (fol. 210), minghajr ma ta iktar dettalji. M'hemmx kontestazzjoni li r-railing sar mill-attrici. Mario Briffa, xhud li ressaq il-konvenut, ukoll qal: *"Ix-xoghol ta' stainless steel Charlie kien ghamlu"* (fol. 98).

Il-qorti ser taddotta l-istima ta' 128 siegha gialadarba l-ilment tal-konvenut hu fis-sens li ntuza nqas materjal. Pero l-ezercizzju li ghamel il-perit tekniku hu li ra x-xoghol li effettivament sar. Ikkunsidra wkoll xoghol iehor li sar fil-parti ta' quddiem tad-dghajsa, li l-konvenut ma kkontestax li sar.

viii. Ghal dak li jikkoncerna xoghol ta' **tapizzerija**, il-perit tekniku rrelata li skond il-verzjoni li tat l-attrici[5] jkunu ttiehdu 76 siegha xoghol filwaqt li skond il-verzjoni tal-konvenut[6] ta stima ta' 64 siegha xoghol.

---

[3] Ara item 10.

[4] L-attrici qalet: *"Wara li ppreparajna l-istainless steel railing ta' quddiem, Andrew xtaqu differenti, kemm f'ghamla kif ukoll fis-sistema ta' kif jimmonta ma' xulxin (cioe' wweldjat u minghajr fittings). Ghamilna wkoll l-istainless steel ta' wara u ppreparajna stainless steel pipes ghat-tinda tax-xemx"*.

[5] Ara dik il-parti tal-prospett *"12 Bhala xoghol ta' tapizzerija ghamilna……."* (fol. 19-20).

[6] *"L-esponent ma jifhimx x'irid jghid Charlie Cassar b'xoghol ta' injam ghat-tapizzerija. Il-bazi tal-kisi tar-radar arch min-naha ta' gewwa wahhalha l-esponent. It-tinda tax-xemx qata' l-ispazju ghaliha, u wahhalha l-esponent. Seats fuq gewwa ma sarux. It-tapit xtrah l-esponent, pero' Cassar uza l-parti l-kbira minnu fuq dghajjes ohra u l-bqija ma servietux ghad-dghajsa tal-esponent. Il-kisi tas-suffett b'imitation leather sar biex jitghatta t-tapit li beda jinqala' ghaliex twahhal hazin"* (fol. 119).

Il-perit tekniku qal:

*"Andrew Briffa's claim does not modify Charles Cassar's claim very substantially with respect to this item of work. Who carried out the imitation leather soffit covering is not actually disputed, nor who manufactured the sun canopy*[7] *and side covers. Therefore, the time required for the work carried out as per Andrew Briffa's claim needs to be adjusted to eliminate the radar arch inner plywood covering, the seats inside the boat and an adjustment made for the actual installation of the sun canopy and side cover by Andrew Briffa"* (fol. 211).

Fuq bazi ta' probabilita' l-qorti temmen li x-xoghol ta' tapizzerija sar mill-attrici. Il-konvenut ma ressaqx provi li kien hemm xi nies ohra li ghamlu xoghol ta' tapizzerija. Anzi fl-affidavit tal-konvenut jinghad li l-attrici ghamlet dan ix-xoghol. Meta xehed fis-seduta tal-25 ta' Novembru 2011 filwaqt li rrefera ghar-ritratti li kien ipprezenta, qal:

*"Dawk kienu ritratti li ttiehdu fiz-zmien li nizzilt id-dghajsa fil-bahar. Sa dak iz-zmien ma kellix il-finishing lesti. Ezempju ma kellix it-tapizzar mal-gnub. Ma kellix il-foam fuq is-seats. Fil-fatt konna noqghodu fuq il-fibre..... Ix-xoghol li kellha taghmilli l-attrici kien it-tapizzerija...."* (fol. 106).

Il-qorti tosserva wkoll li ghalkemm il-konvenut qal li l-kisi tas-suffett b'*imitation leather* sar biex jitghatta t-tapit li twahhal hazin[8], prova ta' dan ma saritx. Inoltre ma nghatat l-ebda eccezzjoni f'dan is-sens.

ix. Dwar **xoghol ta' injam** li l-attrici ddeskrivietu bhala kisi bil-plywood tal-pine fil-kabina, bsaten tal-pine u twahhil ta' bibien, il-perit tekniku ta stima ta' 48 siegha. Il-konvenut qal li: *"Charlie Cassar ghamel biss parti mill-bsaten tal-pine li kellhom jghattu t-truf tat-tapizzerija. Il-bqija baqghu ma sarux. Il-bibien li twahhlu huma l-istess bibien imsemmija fil-punt 7"*. In kontro-ezami l-konvenut xehed:

*"Naqbel li l-kisi bil-plywood tal-kabina ghamlu Charles. Parti mill-bsaten tal-pine biex ighatti t-tapizzerija ghamlu hu wkoll. Naqbel li kien Charles li wahhal il-bibien"* (fol. 109).

Il-perit tekniku qal:

*"The pine plywood fitting is not disputed whilst the fitting door is. There is no claim as to the percentage of wood edging actually*

[7] Il-konvenut xehed: *"It-tinda tax-xemx Charles ghamilha u wahhaltha jien"* (fol. 108).
[8] Il-konvenut xehed: *"Il-kisi tas-suffett li ghamel bl-imitation leather, ken biex ighatti d-dnubiet tieghu peress li beda' jaqa' t-tapit"* (fol. 108).

*completed by Charles Cassar, however, inspection shows that approximately half of the edging was completed and therefore it is here considered fair and reasonable to adjust time required for this job accordingly.*

*Estimate time required: 43 man hours"* (fol. 211).

Il-qorti ser taddotta l-istima ta' 48 siegha peress li meqjus dak li xehed il-konvenut, fuq bazi ta' probabilita' temmen li x-xoghol sar kollu mill-attrici.

x. Twahhil ta' accessorji, bhal *cleats*, *U-Bolts*, *anchor winch* bl-accessorji (ara ritratti fol. 66 u 67 tar-rapport). Il-perit tekniku ta stima ta' 32 siegha ghal dan ix-xoghol. Il-konvenut qal li dan ix-xoghol sar minnu. Li hu zgur hu li meta l-konvenut nizzel id-dghajsa l-bahar ghall-ewwel darba dan l-apparat ma kienx hemm. F'dan ir-rigward il-qorti taghmel riferenza ghar-ritratt tad-dghajsa li pprezenta l-konvenut (fol. 89). Sa dak iz-zmien l-attrici kienet ghadha m'ghamlitx xoghol fuq id-dghajsa, tant hu hekk li lanqas ir-railing ma kien ghadu sar. Hadd mix-xhieda li ressaq il-konvenut ma qal li l-accessorji twahhlu mill-konvenut. Il-qorti temmen li kieku dan ix-xoghol sar mill-konvenut, kien isir qabel id-dghajsa nghatat lill-attrici biex tahdem fuqha. Fic-cirkostanzi l-qorti tqies li l-verzjoni tal-attrici hi iktar kredibbli.

4. Ghal dak li jikkoncerna prezzijiet, l-attrici isostni li l-ftehim kien li l-prezz kellu jigi kkalkolat skond kemm il-siegha jiehu x-xoghol. Carmel Cassar xehed:

*"Peress li ried alterazzjonijiet jiena u Andrew konna ftehemna li ghax-xoghol kollu li kont ser naghmillu kont ser nithallas bis-sighat plus il-materjal"* (fol. 16).

Il-konvenut xehed:-

*"Charlie Cassar baqa' ma tanix stima gdida, pero' jien fhimt li l-prezz kien ser ikun ferm inqas mill-istima li kien tani fil-bidu ghaliex bosta mix-xogholijiet kont ilhaqt ghamilthom jien. Fil-frattemp bdejt nghaddilu l-pagamenti akkont, ghaliex kien qalli li ried il-flus biex jixtri l-materjal. Fil-fatt ftit wara li hadtlu d-dghajsa qbadt u tajtu pagament ta' Lm1,000 (Dok. AB2)".*

Il-qorti tosserva li:

i. L-istima originali ma tistax isservi ghax-xoghol li sar wara mill-attrici. Fil-fehma tal-qorti dik l-istima saret a bazi ta' hafna iktar xoghol li kellu jsir fuq id-dghajsa, li spicca sar mill-konvenut. Il-konvenut stess xehed:

*"Jien dak iz-zmien l-istima li tani rajtha gholja. Lilu ghidtlu. Ghidtlu wkoll li kont iddecidejt li x-xoghol naghmlu jien"* (fol. 27). M'hemmx dubju li kuntrattur jaghti l-istima meqjus ukoll il-volum ta' xoghol li jkun ser jaghmel fil-progett. Meta d-dghajsa nghatat lill-attrici kien diga' sar hafna xoghol li jissemma fl-istima.

ii. L-izball li ghamel il-konvenut hu li ma talabx stima qabel inkariga lill-attrici; *"Dwar prezz ma ftehemnix. Ftehemna biss l-ewwel darba fuq prezz wiehed"* (fol. 106).

iii. Gialadarba l-qorti ghandha l-opinjoni tal-perit tekniku li rata ta €15.45 (mhux inkluz VAT)[9] ghal kull siegha hi gusta ghax-xoghol li sar, il-kalkoli ser isiru fuq din ir-rata.

A bazi ta' dak li nghad hawn fuq il-hlas dovut lill-attrici ghax-xoghol li ghamlet hu ta' 574 siegha xoghol x €15.45 = €8,868.30 + €1,596.29,4 VAT = **€10,464.59,4**.

Hemm ukoll materjal li nxtara mill-attrici sabiex sar ix-xoghol. Il-konvenut isostni li gialadarba ma ngabitx prova tal-ispejjez li saru (ara nota ta' sottomissjonijiet), allura l-attrici m'ghandha dritt ghal xejn. Fil-kont li harget l-attrici il-materjal hu deskritt:

- Floorboard fiberglass €171.74
- Console/mold €134.24
- Windscreen base €148.05
- S/S pipes €710.66
- Perspex €315.85
- Accessories €1970.10
- Timber €410.60
- Fiber for fixing accessories + console + seat base €821.20
- Upholstery cover + suncanopy material €236.89
- Boat extension + platform + rubber €355.33
- Rexine €94.75

Total................................**€5,369.41**.

L-attrici ma pprezentatx ricevuti tal-materjal li tghid li xtrat. Fil-fehma tal-qorti din kienet l-inqas haga li setghet ghamlet biex tiggustifika l-ammonti li qeghda titlob. Lanqas ma tat spjegazzjoni fhix per ezempju jikkonsistu l-accessorji f'ammont ta' €1,970.10 u x'inhu dak l-injam kollu li swiha €410.60. M'hemmx dubju li l-oneru tal-

[9] Ara fol. 72 tar-rapport.

prova kien fuq l-attrici li kien hemm spejjez ta' €5,369.41. L-attrici lanqas spjegat kif fuq dan l-ammont regghet talbet hlas tal-VAT. Il-qorti tifhem li l-affarijiet li ntuzaw kellhom diga' l-VAT inkluz fihom.

Irrizulta wkoll kif l-attrici zammet il-kontroforom u molds. Sahansitra parti minnhom intuzaw ghal xoghol li sar fuq dghajsa ohra (ara verbal tas-seduta tat-12 ta' Frar 2014). In eskussjoni l-perit tekniku xehed:

*"Fir-rapport tieghi jien kont qed nippresumi li l-mold saret mill-gdid imma* ***huwa mistenni li min ghandu mold wara li jkun uzaha mhux ser jarmiha****. Jekk ser ikollu jigi bzonnha ser jerga' juzaha"* (enfazi mizjuda, fol. 240).

Gialadarba l-attrici ghazlet li zzomm il-kontroforom u molds u jidher ukoll li dawn huma ta' utilita' ghaliha, m'huwiex gust li l-konvenut jintalab ihallas ghall-materja prima li ntuzat biex saru.

Wara li l-qorti kkunsidrat ix-xoghol li sar mill-attrici ser tiffissa cifra ta' **€2,600** bhala materjal li ntuza biex sar ix-xoghol. Il-qorti ma tistax taqbel mal-konvenut li f'dan ir-rigward l-ebda hlas mhu dovut. Jekk kellha tilqa' l-istedina tal-konvenut ikun ifisser li tal-ispejjez li ghamlet l-attrici mhi ser tirkupra xejn. Dan m'ghandux ikun.

5. A bazi tal-kalkoli li ghamlet il-qorti it-total tal-kont kellu jkun **€13,064.59** (€10,464.59,4 + €2,600).

6. Ghal dak li jirrigwarda **hlasijiet**, l-attrici pprezentat statement (fol. 5) minn fejn jirrizulta li l-hlas sar hekk:

- 1 ta' Jannar 2008 – credit ta' €1,417.77;
- 4 ta' Frar 2008 – hlas ta' €2,300;
- 11 ta' Gunju 2008 – hlas ta' €2,329.37;
- 31 ta' Jannar 2009 – hlas ta' €3,000;

Total - **€9,047.14**.

Il-konvenut xehed li kien hallas Lm1,000 (€2,329.37) u pprezenta ricevuta li tikkonferma tali hlas. Hlas li ma jidhirx fir-rendikont li tat l-attrici (fol. 23). Kompla li kien hallas Lm2,000 (€4,658.75), izda ma pprezentax ricevuta. Ikkonferma li f'Jannar 2009 kien hallas €3,000 (fol. 28-29), hlas li dwaru hemm qbil.

Carmel Cassar baqa' ma spjegax x'kien il-credit ta' €1,417.77 favur il-konvenut li nghata fl-1 ta' Jannar 2008.

Il-qorti tikkonkludi li mehud in konsiderazzjoni l-provi li tressqu, il-hlasijiet li saru mill-konvenut huma ta' **€9,988.12**. Gialadarba l-hlas ta' Lm1,000 li sar fl-10 ta' Dicembru 2007 ma jidhirx fir-rendikont li pprezentat l-attrici (fol. 23), il-qorti tqies li ghal dak li jikkoncerna hlasijiet, il-verzjoni tal-konvenut hi iktar kredibbli.

7. Ghaldaqstant il-bilanc li ghadu dovut lill-attrici hu ta' **tlett elef sitta u sebghin ewro u seba' u erbghin centezmu (€3,076.47)**[10].

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi l-kawza billi:**

1. **Tichad l-ewwel eccezzjoni.**
2. **Tilqa' t-tieni eccezzjoni.**
3. **Tilqa' t-talba attrici limitatament ghas-somma ta' tlett elef sitta u sebghin ewro u seba' u erbghin centezmu (€3,076.47), u tikkundanna lill-konvenut ihallas din is-somma lill-attrici, bl-imghax mid-data tan-notifika tar-rikors guramentat (26 ta' Awissu 2009)[11].**

**Spejjez jinqasmu in kwantu ghal 25% a karigu tal-konvenut u 75% a karigu tal-attrici.**

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------

[10] €13,064.59 - €9,988.12.

[11] Ghandu jiddekorri l-imghax mid-data tan-notifika gialadarba rrizulta li l-konvenut ghad ghandu x'jaghti lill-attrici u fl-ewwel eccezzjoni kien qieghed isostni li ma kienx debitur.